MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Bond)**

**vs**

**Mourad Douiba, bin Abaldef u Habiba, Mitwielda Douiba, mwieled il-Marokk, fit-3/08/1982, u joqghod 'Sunset', Flat 2, Triq il-Port Ruman, Qawra, li ghandu passaport bin-numru 471743 mahrug fil-Marokk.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Mourad Douiba li gie akkuzat talli fid-19/07/2003 ghall-habta ta' bejn is-1.00

a.m. u s-1.30 a.m., flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa, waqt li kien fi Triq it-Trunciera, Qawra, volontarjament attakka lil Russel Dean Hanmore ta' nazzjonalita' Ngliza, u seraqlu gizirana tad-deheb li kienet imdendla m'ghonqu liema gizirana tiswa' madwar tlett mitt lira sterlina, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, valur u hin ghad-dannu tal-imsemmi Russel Dean Hanmore.

Bla ma l-Qorti tiddubita li l-vittma vera gie aggredit u anke li setgha anke gie misruq, min-naha l-ohra xehed l-istess akkuzat li ghal kollox innega l-involviment tieghu f'dan l-incident.

Il-Qorti, anke wara li rat ix-xhieda ta' Hanmore issib stramb fattur kardinali u cioe li l-vittma ma kienx verament cert x'hin tilef il-gizirana tant li juza l-kelma lost, aktar tard pero' gie ndikat lilu minn koppja anzjana li kien l-akkuzat li kien seraqlu l-istess. Ghalkemm taqbel mal-Prosekuzzjoni li ma kienx possibbli ghaliha ttella' dawn ix-xjuh bhala xhieda, pero' dawn jibqghu ix-xhieda li kienu zgur isahhu t-tezi ta' Hansford. Wiehed irid anke jiftakar li (i) il-gizirana qatt ma nstabet fuq l-akkuzat (ii) li l-istess vittma allega l-prezenza ta' persuna ohra fl-incident (iii) li l-istess vittma ma kellu ebda spjegazzjoni kif spicca mwegga' l-akkuzat.

Dana kollu jhalli dubju serju u ragonevoli f'mohh il-Qorti li ghaldaqstant qed tilliberah mill-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------